**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 91/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Nazzareno Abela**
**(ID 41684(M))**

**Illum, 3 ta' Gunju 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nazzareno Abela ta' 26 sena, iben Nazzareno u Marlene xebba Buttigieg, imwieled il-Pieta` fit-28 ta' Dicembru 1983 u residenti Binja Sta. Katerina, Flat 4, Triq il-Ponta, Isla jew Nru. 44, Triq San Frangisk, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 41684(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Novembru 2009 u fit-tlett xhur ta' qabel:

a) Biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Biegh jew xort'ohra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Novembru 2009 u fil-jiem ta' qabel:

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U fl-ahharnett talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Novembru u fiz-zminijiet ta' qabel:

e) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar qabel il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Novembru 2009, il-pulizija marru biex jesegwixxu mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern. Ghall-habta tal-11.00 a.m., huwa gie nnutat gewwa Pjazza Francesco Zahra, l-Isla, vicin it-Tokk tal-Isla, izda wara ftit tal-hin li l-pulizija identifikaw ruhhom u nfurmawh li kien qieghed taht arrest fuq suspett ta' pussess ta' droga, l-imputat telaq jigri. Stante illi l-pulizija ma rnexxilhomx jaqbduh, ghall-habta tal-11.30 a.m., huma marru gewwa r-residenza tieghu, 44, Triq San Frangisk, fl-Isla stess, fejn hemmhekk sabu lill-imputat odjern u ghamlu tfittxija fl-istess residenza. Fix-*shaft* tal-istess residenza, instabet kaxxa ta' *video*

*cassette* li fih kien hemm bicca sustanza kannella, sbatax-il bicca suspettati raza tal-*cannabis* imdawwrin fil-*foil*[1] u tnax-il borza kontenenti sustanza suspettata pjanta tal-*cannabis*[2].[3]

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[4], jirrizulta illi huwa gie moghti s-segwenti dokumenti ghal fini ta' analizi ossia:

1. Borza bi sbatax-il bicca sustanza ta' lewn kannella li kienu separatament imgezwrin f'bicciet ta' *foil* u bicca ohra ta' sustanza ta' lewn kannella li ma kinitx imgezwra go *foil* – il-*label* mal-esebit tirreferi ghat-2 ta' Novembru 2009, 3.00 p.m., "*in the shaft of Nazzareno's residence, Seized/Produced by PS 1086*";

2. Borza li fiha kien hemm borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm borza tal-karti ta' lewn abjad li kienet vojta u tnax-il borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm speci ta' haxix imfarrak – il-*label* mal-esebit tirreferi ghat-2 ta' Novembru, 3.00 p.m. "*in the shaft of Nazzareno Abela residence, Seized/Produced by PS 1086*";

3. Borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm speci ta' seba' cikkiet ta' sigaretti – il-*label* mal-esebit tirreferi ghat-2 ta' Novembru 2009, 1.30 p.m., "*Elevat/i minn gol-garbish bag, fil-prezenza ta' Marlene Abela*[5] *I.D. 631653(M) minn PC 760, WPC 23.*";

4. Borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm ftit frak – il-*label* ma' dan l-esebit tirreferi ghat-2 ta' Novembru 2009, 1.30 p.m., "*Elevat/i minn go ashtray, fil-presenza ta' Marlene Abela, minn WPC 23, PC 760.*"

5. Borza li fiha kien hemm kaxxa ta' *video* li kienet vojta – il-*label* ma' dan l-esebit tirreferi ghat-2 ta' Novembru 2009, 3.00 p.m., "*Elevat/i minn gewwa shaft fir-residenza tieghu, fil-prezenza ta' Nazzareno Abela, minn PS 396, PS 1086*".

---

[1] Ara r-ritratt Dok. 09 CFU 3 (a fol. 16 tal-process), esebit mar-relazzjoni ta' PS 239 Joseph Caruana u PS 198 A. Debattista li tinsab esebita a fol. 11 tal-process.

[2] Ara r-ritratt Dok. 09 CFU 5 (a fol. 16 tal-process).

[3] Ara x-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef (a fol. 17 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba (a fol. 19 *et seq* tal-process); ix-xhieda tal-Ispettur Saviour Baldacchino li kien Surgent meta sehh il-kaz (a fol. 31 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg (a fol. 34 *et seq* tal-process).

[4] Din tinsab esebita a fol. 41 tal-process.

[5] Jirrizulta mic-*charge sheet* odjerna u anke mic-certifikat tat-twelid tal-imputat illi omm l-imputat jisimha Marlene u in oltre mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li esegwew it-tfittxija fir-residenza u anke mix-xhieda tal-imputat stess, illi ommu kienet prezenti waqt din it-tfittxija.

Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi l-espert forensiku kkonkluda s-segwenti:

a) Li ma nstabux sustanzi illegali f'kaxxa ta' *video* (indikat hawn fuq fil-paragrafu 5);

b) Li nstabu tracci tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* fic-cikkiet tas-sigaretti (indikati hawn fuq fil-paragrafu 3);

c) Li s-sbatax il-bicca ta' sustanza ta' lewn kannella (indikati hawn fuq fil-paragrafu 1), kienu kollha raza tal-pjanta tal-*cannabis*. Il-piz nett totali tal-bicciet tas-sustanza ta' lewn kannella kien ta' 47.05 grammi u l-purita` medja kienet ta' cirka 5.3%. Fil-bicciet ta' sustanzi ta' lewn kannella instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)*. Ir-raza tal-*cannabis* hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Li s-speci ta' haxix imfarrak li kien hemm fi tnax il-borza tal-plastik (hawnhekk l-espert indika d-dokument 600/10/01 ossia dak indikat fil-paragrafu 1 *supra*, izda huwa evidenti li hawnhekk huwa ried jirreferi ghall-esebit indikat hawn fuq fil-paragrafu 2) u l-frak indikat fil-paragrafu 4 *supra* kienu partijiet mill-pjanti tal-*cannabis*. Il-piz nett totali ta' dawn il-partijiet tal-pjanti u l-frak kien ta' 24.15 grammi u l-purita` medja kienet ta' cirka 4.7%. Fil-partijiet ta' dawn il-pjanti u l-frak instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)*. Il-pjanta tal-*cannabis* hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar it-3 ta' Novembru 2009 u dan wara li nghata s-solitu twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova. Din l-istqarrija giet esebita mill-Ufficjal Prosekutur waqt ix-xhieda tieghu.[6] Fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza ssottomettiet illi a bazi tal-gurisprudenza in materja fir-rigward tat-tehid ta' stqarrija lill-persuna arrestata minghajr ma din tinghata d-dritt li tottjeni parir legali, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat ghandha tigi skartata minn din il-Qorti.

[6] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 25 *et seq* tal-process.

Illi ghalhekk l-ewwel kwistjoni li ser tiddeciedi dwarha l-Qorti hija dik dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan stante illi fiz-zmien li din giet hekk rilaxxjata, l-istess imputat ma nghatax l-opportunita` li jikseb parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu.

Fil-jum li fiha ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fit-3 ta' Novembru 2009, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

F'dan il-kuntest, fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-

ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **<u>Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine</u>**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[7] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[8] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-*

[7] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[8] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

*Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tqis illi ghandha tapplika dawn l-insenjamenti ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u ghalhekk din l-istqarrija qed tigi skartata. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragjunament japplika ghal tali stqarrijiet ukoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-3 ta' Novembru 2009, kif ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-istess imputat verbalment waqt l-investigazzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[9] Fix-xhieda tieghu, huwa jikkonferma illi fil-jum in kwistjoni, hekk kif wasal hdejn il-Knisja ta' San Filippu, l-Isla, huwa gie avvicinat mill-pulizija, li nfurmawh li kienu ser jaghmlulu tfittxija u peress illi nhasad u beza' minhabba ommu, huwa harab. Mar id-dar ta' ommu

[9] A fol. 118 *et seq* tal-process.

gewwa 44, San Frangisk, Isla fejn kien jghix hu wkoll, avza lil ommu b'dak li kien qed jigri biex ma tinhasadx u qalilha li ghalkemm kienu ser ifittxulu, ma kellu xejn. Sakemm waslu l-pulizija, huwa rema l-kaxxa tal-*video* li fiha kien izomm il-*cannabis,* li nstabet fix-*shaft* mill-pulizija. Jghid illi ma jiftakarx kemm kellu *cannabis*, izda kellu xi boroz bil-pjanta tal-*cannabis* u kellu l-*cannabis* l-ohra (jigifieri r-raza). Jghid ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien ipejjep bicca ta' *ten* kuljum, li ma setax ilahhaq u li kien jahdem ghad-droga. Jghid hekk: "*U kont nixtri bil-kwantita` biex niffranka u kien jaghtini tnejn b'xejn biex niffranka ghalija*".[10] Jinnega li huwa kien ibiegh id-droga. L-imputat jghid ukoll illi huwa kien jixtri ghoxrin bicca u jinghata erbgha b'xejn u jghid ukoll illi kien jixtrihom maqsumin bil-lest.

Illi permezz tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkuzat bit-traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis* u tal-pjanta tal-*cannabis.* Mill-provi prodotti u ammissibbli, madankollu, ma tirrizulta l-ebda prova illi l-imputat effettivament biegh jew xort'ohra traffika din id-droga.

Ghaldaqstant, l-imputazzjonijiet (a) u (b) ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, l-imputat imbaghad gie akkuzat ukoll bil-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis* u tal-pjanta tal-*cannabis* u dan b'referenza ghat-2 ta' Novembru 2009 – ossia l-jum li fih huwa gie arrestat – u fil-jiem ta' qabel.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien jabbuza mill-*cannabis* u ghalhekk fil-waqt illi ma jikkontestax illi effettivament id-droga misjuba kienet tieghu, izda anzi jikkonferma li kien huwa li remiha fix-*shaft* qabel dahlu l-pulizija fir-residenza tieghu u jikkonferma wkoll li huwa kien izomm il-*cannabis* fil-kaxxa tal-*video*, huwa jghid illi ma kienx ibiegh droga. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza ghalhekk m'huwiex il-pussess tal-*cannabis* da parti tal-imputat, izda l-aggravanti tal-istess pussess. Skond id-difiza, id-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

[10] A fol. 122 tal-process.

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza

qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Issa f'dan il-kaz, il-kwantita` tad-droga *cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat kienet ta' 47.05 grammi in kwantu jirrigwarda r-raza tal-*cannabis* u 24.15 grammi in kwantu jirrigwarda l-pjanta tal-*cannabis* u ghalhekk kwantita` sostanzjali, li minnha, tenut kont li *joint* normalment jikkontjeni madwar 0.2 grammi *cannabis*, wiehed seta' johrog madwar 356 *joint*. Dan huwa ammont li certament wiehed normalment ma jassocjahx ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Jirrizulta wkoll illi din id-droga nstabet maqsuma, in kwantu ghar-raza tal-*cannabis*, fi sbatax-il bicca u bicca zghira li l-piz taghhom kien is-segwenti:- 2.61g, 2.69g, 2.45g, 2.88g, 2.57g, 2.55g, 2.35g, 2.72g, 2.77g, 2.75g, 2.44g, 2.69g, 2.68g, 2.71g, 2.70g, 2.57g, 2.67g u 2.25g. Dawn is-sbatax-il bicca nstabu mgezwrin fil-*foil*, fil-waqt li bicca minnhom ma nstabitx hekk imgezwra. In kwantu ghall-pjanta tal-*cannabis*, din instabet maqsuma fi tnax il-borza tal-plastik trasparenti, liema boroz kellhom is-segwenti piz rispettiv: 2.15g, 2.17g, 1.58g, 2.25g, 1.41g, 1.83g, 2.42g, 2.17g, 2.06g, 1.47g, 2.15g u 2.49g, apparti l-frak tal-*cannabis* fl-*ashtray* li kien jammonta ghal 0.1 grammi. Id-droga ghalhekk kienet maqsuma f'pizijiet tassew simili, apparti li in kwantu ghar-raza, din kienet imgezwra fil-*foil*, fil-waqt illi l-pjanta kienet f'boroz tal-plastik tat-tip *self sealing* – it-tnejn mezzi normali "fuq is-suq" ta' kif tigi spjaccjata d-droga.

L-imputat jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien jaghmel uzu mill-*cannabis*. Fir-residenza tal-imputat instabu seba' cikkiet tas-sigaretti li fihom instabu tracci ta' *Tetrahydrocannabinol*. Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax ezattament f'liema kamra nstabu dawn ic-cikkiet tas-sigaretti, ghajr illi nstabu gewwa *garbage bag*, il-Qorti tinnota wkoll illi wahda mit-tmintax-il bicca tar-raza tal-*cannabis* li nstabu fil-kaxxa tal-*video cassette* fix-*shaft* tar-residenza, kienet differenti fil-forma taghha mill-bqija tar-raza u ma kinitx imgezwra fil-*foil* bhal l-ohrajn. Fil-fehma tal-Qorti, dan ossia s-sejba tac-cikkiet tas-sigaretti u l-bicca raza appena msemmija, huma indikattivi tal-fatt illi l-imputat kien effettivament jaghmel uzu mill-*cannabis*. Biss li wiehed jikkonsma d-droga ma jeskludix necessarjament illi huwa jkollu fil-pussess tieghu droga li ma tkunx intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Fil-fatt tenut kont tal-ammonti ta' *cannabis* misjuba fil-pussess tieghu, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma rnexxielux juri, imqar sal-grad tal-probabbli, illi d-droga kollha hekk misjuba kienet intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi l-imputat jghid fix-xhieda tieghu illi huwa kien jixtri d-droga bil-kwantita` biex jiffranka l-flus. Veru illi jista' jkun il-kaz illi wiehed li jixtri d-droga f'ammonti f'daqqa jiehu dik id-droga bi prezz irhas, izda

dan xorta ma jiggustifikax l-ammont sostanzjali ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat u l-mod kif din kienet maqsuma. Hija wkoll kontradizzjoni, fil-fehma tal-Qorti, li l-imputat jghid li ma setax ilahhaq finanzjarjament u li kien jahdem ghad-droga u mbaghad ikollu tant droga fil-pussess tieghu. In oltre meta kif inghad izjed 'il fuq, wiehed iqis illi doza tipika ta' *cannabis* f'*joint* hija dik ta' 0.2 grammi u li persuna jista' jpejjep sa hames *joints* kuljum – li pero` jiddependi wkoll fuq il-persuna u l-kwalita tal-*cannabis*[11] - dan ifisser kif diga` indikat illi l-imputat kellu bizzejjed sustanza ghal madwar 356 *joints* jew inkella bizzejjed sustanza ghal madwar 71 jum u dan jekk wiehed iqis illi l-imputat kien ipejjep anke hames *joints* kuljum. Ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-imputat kellu vizzju sostanzjali tal-*cannabis* – u dan qed jinghad ghaliex l-imputat ma tax wisq dettal fix-xhieda tieghu dwar il-vizzju li huwa jghid li kellu u li skond hu, wasslu sabiex jahdem ghad-droga - xorta jibqa' l-fatt illi dan ma jiggustifikax l-ammont konsiderevoli ta' *cannabis* li nstab fil-pussess tieghu. Irid jinghad ukoll illi fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi huwa kien ipejjep bicca ta' *ten* kuljum u cioe` bicca cannabis ta' €10. Fis-sena 2009, meta sehh il-kaz odjern, il-prezz tar-raza tal-*cannabis* fit-triq kien ta' madwar €10 il-gramma.[12] Isegwi effettivament illi l-imputat ma kienx juza izjed minn gramma raza tal-*cannabis* kuljum u ghalhekk dan ifisser proprju illi l-imputat kellu bizzejjed droga ghal madwar 71 jum!

Il-Qorti tinnota wkoll diskrepanza fix-xhieda tal-imputat u dan fis-sens illi fil-waqt illi f'parti mix-xhieda tieghu, huwa jghid illi kien jixtri bil-kwantita` u jinghata <u>tnejn b'xejn</u>, f'parti ohra, imbaghad, jghid illi kien jixtri ghoxrin u jinghata <u>erbgha b'xejn</u>. Mhux biss, izda huwa jghid hekk: "*U kont nixtri bil-kwantita` biex niffranka <u>u kien jaghtini tnejn b'xejn biex niffranka ghalija</u>*". F'dan ir-rigward wiehed ma jistax ma jinnotax illi la darba skond l-imputat, huwa kien qed jixtri kwantita` ta' droga esklussivament ghall-uzu tieghu, ma kellux ghalfejn jispecifika li dik id-droga li kienet tinghata lilu b'xejn kienet ghalih ukoll!

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti tasal ghall-konvinciment morali illi r-raza tal-*cannabis* u l-pjanta tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinux intizi biss ghall-uzu personali u esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (c) u (d) gew ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

---

[11] *World Drug Report 2006 Volume I. Analysis*, pagna 96 *et seq.*

[12] 2011 *National Report to the European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction* (EMCDDA) *by the Reitox National Focal Point*.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni, imbaghad, ossia dik li permezz taghha l-imputat gie akkuzat bil-pussess semplici tar-raza tal-pjanta *cannabis*, mill-provi li saret referenza ghalihom izjed 'il fuq, huwa car illi din ukoll tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali aggornata tal-imputat odjern mil-liema jirrizulta illi l-imputat instab hati ta' diversi reati kontravvenzjonali, tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9, reati ohrajn bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u talli nvolontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi, kif ukoll tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-maggor parti taghhom, dawn il-kundanni jirrisalu ghas-snin 2002 u 2003, fil-waqt illi kundanna wahda tirreferi ghal reat li l-imputat ikkommetta f'Dicembru 2011.

Qieset ukoll il-kwantita` ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat u n-natura serja tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinstab hati.

In oltre ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (c) u (d) u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) fir-rigward tal-imputazzjonijiet (c), (d) u (e).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (c), (d) u (e) u tikkundannah ghall-piena ta' **hmistax-il xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf u hames Euro (€1,500)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanci jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tikkundanna wkoll lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' sitt mija, tlieta u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (€683.20) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 239 Joseph Caruana u PS 198 A. Debattista, ammontanti ghas-somma ta' sebgha u tmenin Euro u sitta u erbghin centezmu (€87.46), b'kollox ghalhekk is-somma ta' seba' mija u sebghin Euro u sitta u sittin centezmu (€770.66), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.[13]

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mad-droga, esebiti flimkien mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[13] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-espert PC 1525 Patrick Farrugia stante li l-ezitu tal-analizi tieghu kien wiehed negattiv.